MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 42/2011

**Leonard Azzopardi**

**-vs-**

**Josephine Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-17 ta' Jannar 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi l-għalqa li ġġib in-nurmu tmien mija u erbatax (814) fit-Tenement numru wieħed u ħamsin elf, disa' mija u tmintax (51918) fir-raba magħruf bħala Kuttaf Gandolf fil-limiti taż-Żurrieq, u li tidher fil-pjanta hawn annessa bħala Dok A, hi proprjeta' tal-Gvern ta' Malta.

2. Illi l-attur jikri din l-għalqa mingħand il-Gvern ta' Malta u dan b'effett mis-16 ta' Awissu 2007, u dan kif jirriżulta minn ittra tas-26 ta' Diċembru 2007mibgħuta lill-istess attur mid-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern, u li kopja tagħha hi hawn annessa bħala Dok B, u kif ukoll minn diversi riċevuti tal-ħlas tal-kera dwar l-istess għalqa mill-attur lill-Gvern, u li kopji tagħhom huma hawn esebiti bħala Dok C1 sa C6.

3. Illi għal xi żmien il-konvenuta kienet taħdem din l-għalqa, kif kien jagħmel ukoll l-attur, għalkemm mingħajr titolu validu fil-liġi.

4. Illi għalkemm l-attur għandu titolu validu fil-liġi dwar din l-għalqa kif hawn fuq imsemmi filwaqt li l-konvenuta m'għandha l-ebda titolu l-konvenuta kienet għamlet kawża ta' spoll kontra l-attur u bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Mejju 2010 (Ċit Nru: 644/2008) ġie dikjarat li l-konvenuta kienet għadha fil-pussess ta' din l-għalqa.

5. Illi għalkemm il-konvenuta m'għandha l-ebda titolu validu fil-liġi dwar l-għalqa hawn fuq imsemmija din irrifjutat li titlaq il-pussess tagħha.

6. Illi l-fatti kif hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-attur.

**B. Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

Illi l-preżenti proċeduri qed isiru sabiex jiġi dikjarat li filwaqt li l-attur għandu titolu validu fil-liġi ta' kera dwar l-għalqa hawn fuq imsemmija l-konvenuta m'għandha l-ebda titolu validu fil-liġi dwar l-istess għalqa u biex din tiġi ordnata titlaq il-pussess tagħha dwar l-istess għalqa.

**C. Talbiet tal-Attur**

Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, tgħid il-konvenuta għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur għandu titolu validu fil-liġi ta' kera mogħti lilu mill-Gvern ta' Malta dwar l-għalqa li ġġib in-numru tmien mija u erbatax (814) fit-Tenement tal-Gvern nurmu wieħed u ħamsin elf disa' mija u tmintax (51918) fir-raba magħruf bħala Kuttaf Gandolf fil-limiti taż-Żurrieq, u liema għalqa hi murija fid-dok 'A';

2. Tiddikjara li l-konvenuta m'għandha l-ebda titolu validu fil-liġi dwar l-għalqa hawn fuq imsemmija u għalhekk il-pussess tagħha tal-istess għalqa mhux wieħed validu fil-liġi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta biex fi żmien qasir perentorju li jiġi stabbilit titlaq il-pussess tal-għalqa li jġib in-numru tmien mija u erbatax (814) fit-Tenement numru wieħed u ħamsin elf, disa mija u tmintax (51918) fir-raba' magħruf bħala Kuttaf Gandolf fil-limiti taż-Żurrieq, li hi murija fil-pjanta Dok 'A'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota konġuntiva tal-partijiet preżentata fis-seduta tal-15 ta' April 2011, kif ukoll il-verbal tal-istess seduta minn fejn jirriżulta li l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet ftehmu permezz ta' din l-iskrittura esebita fis-seduta ta' llum kif għandha tiġi deċiża l-kawża u għalhekk il-Qorti ser tiddeċiedi skond dan il-ftehim.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u peress li l-attur għandu ġja' l-pussess tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba.**

**L-ispejjeż ikunu bla taxxa *eccetto* għad-drittijiet tal-Avukat u Prokuratur Legali tal-attur li għandhom jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------